MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 105/1994/2

**Lina Wain in rapprezentanza tas-socjeta' Marsovin Limited u b'nota tat-12 ta' Frar 1996 Margaret Calleja assumiet l-atti tal-kawza minflok Lina Wain ghas-socjeta' attrici u b'nota tal-24 ta' Gunju 1997 is-socjeta Marsovin Limited assumiet l-atti f'isimha proprju**

**vs**

**Alfred Attard**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici nomine ppremettiet:-

Illi skond skrittura tat-18 ta' Frar 1993, (Dok. A) is-socjeta' attrici tat kuntratt t'agenzija tal-prodotti taghha lill-

konvenut, bil-pattijiet u kundizzjonijiet fuq indikati, senjatament dik kontenuta fil-klawsola 21 tal-istess skrittura u cioe' li f'kaz illi l-agent jonqos milli jaqdi xi wiehed jew aktar mill-obbligi tieghu taht dak il-ftehim, dak il-ftehim ikun jista' jigi xolt minnufih mis-socjeta' attrici unilateralment b'semplici avviz bil-miktub mibghut lill-agent;

Ukoll illi minhabba agir irregolari tal-konvenut, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta' attrici, b'ittra datata 14 ta' Jannar 1994, (Dok. B) xoljiet l-istess ftehim ta' agenzija fuq imsemmi;

Illi f'eghluq l-istess ftehim, il-konvenut kien fadallu jaghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' hdax-il elf, tlitt mija u disghin lira maltija, hdax-il centezmu u tmien millezmi (Lm11390.11,8) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' stocks ta' merkanzija mibjugha u konsenjati lill-konvenut, kif jidher mill-prospett (Dok. C);

Ukoll illi bi skrittura ohra (Dok. D) tat-18 ta' Frar 1993, il-konvenut kien intrabat li jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, seba' mija u sitta u hamsin lira maltija, hamsa u ghoxrin centezmu u disa' millezmi (Lm4756.25,9) lilu avvanzati ghall-akkwist minnu tal-forklifter u vetturi indikati fl-imsemmija skrittura, liema ammont kellu jigi restitwit lis-socjeta' attrici, b'rati mensili ta' tmenin lira maltija (Lm80) il-wahda, bil-patt pero' illi jekk jigi terminat l-agency agreement iffirmat fl-istess data (Dok. A), kull bilanc li jkun ghadu dovut ikun dovut minnufih;

Illi meta gie xolt l-agency agreement fl-14 ta' Jannar, 1994, kien ghadu dovut bilanc fuq din is-somma ta' erbat elef, mija u seba' u sittin lira maltija, hamsa u ghoxrin centezmu u disa' millezmi (Lm4167.25,9) kif jidher mill-prospett (Dok. C), liema ammont sar ghalhekk minnufih dovut lis-socjeta' attrici;

Ukoll illi bi skrittura ohra tal-istess data tat-18 ta' Frar, 1993, (Dok. E), is-socjeta' attrici bieghet u ikkonsejat lill-konvenut il-computer equipment, keyboard, colour monitor, portable PC Poqet u Dot Matrix Printer

imsemmija fl-istess skrittura, bil-prezz komplessiv ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin lira maltija (Lm1682) u dana bil-patt li dawn kellu jithallas b'rati mensili ta' tmienja u ghoxrin lira maltija (Lm28) kull xahar, b'dana pero li skond il-klawsola 6 tal-istess skrittura, jekk il-konvenut ma jibqax agent tas-socjeta attrici taht l-agency agreemenet fuq imsemmi, il-bilanc li jkun ghadu dovut fuq dan il-prezz isir dovut minnufih bl-imghax tat-tlieta fil-mija (3%) "above prime rate";

Ukoll illi meta gie terminat l-imsemmi agency agreement (Dok. A) fl-14 ta' Jannar, 1994, il-bilanc li kien ghadu dovut fuq dan il-prezz kien ta' elf, erba' mija u zewg liri (Lm1402) kif jidher mill-prospett (Dok. C);

Illi interpellat biex ihallas dawn is-somom, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici nomine tablet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux jigi minn din il-Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-agency agreement tat-18 ta' Frar, 1993, gie terminat u xolt mis-socjeta' attrici, bl-ittra tal-14 ta' Jannar 1994, u dana a tenur tal-klawsola 21 tal-istess ftehim:

(1) jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hdax-il elf, tlitt mija u disghin lira maltija, hdax-il centezmu u tmien millezmi (Lm11390.11,8) prezz ta' stocks ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjati, flimkien mal-imghax kummercjali mill-14 ta' Jannar 1994;

(2) jigi kundannat li jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, mija u sebgha u sittin lira maltija, hamsa u ghoxrin centezmu u disa' millezmi (Lm4167.25,9) bilanc ta' ammont lilu misluf ghall-akkwist tal-fork lifter u vetturi imsemmija fl-iskrittura (Dok. D) u issa dovut lura lis-socjeta attrici kif fuq intqal, bl-imghax kummercjali mill-14 ta' Jannar, 1994; u

(3) jigi kundannat li jhallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' elf, erba' mija u zewg liri maltin (lm1402) flimkien mal-

imghax tat-tlieta fil-mija (3%) il'fuq mill-"prime rate", mill-14 ta' Jannar 1994;

Bl-ispejjez kollha - komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 144/94 tat-18 ta' Jannar 1994 - kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine debitament konfrmata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi la huwa minnu li huwa naqas milli jaqdi l-obbligi tieghu skond il-kuntratt ta' agenzija riferit fic-citazzjoni odjerna u lanqas m'hu qieghed jinghad u jigi spejgat fl-istess citazzjoni ghal-liema ragunijiet is-socjeta' attrici qed tippretendi li gie vjolat xi obbligu skond dak il-kuntratt, b'mod illi s-socjeta' attrici tkun intitolata li xxolji l-kuntratt skond il-ligi. Ghalhekk it-talbiet attrici kollha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez; .

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenut;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tas-16 ta' Ottubru 1999 li biha l-istess socjeta attrici tirriduci l-ammont imsemmi fl-ewwel talba minn hdax-il elf tlitt mija u disghin lira maltin, hdax il-centezmu u tmin millezmi (Lm11390.11,8) ghall-disat elef tlitt mija u hamsa u ghoxrin lira maltija, erba u tmenin centezmu u disa' millezmi (Lm9325.84,9), stante somom akkreditati lill-konvenut fil-mori tal-kawza u li biha zammet fermi l-ammont kontenuti fit-tieni u t-tielet talba u l-imghaxijiet u l-ispejjez fir-rigward tat-talbiet kollha, kif mitluba fic-citazzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li bi skrittura tat-18 ta' Frar 1993 is-socjeta' attrici tat lill-konvenut kuntratt ta' agenzija biex jbiegh il-prodotti taghha u dana taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kif kontenuti fl-istess skrittura. Fost dawn i-pattijiet u kondizzjonijiet, il-klawsola 21 kienet tistipula li jekk il-konvenut jonqos minn xi obbligu naxxenti mill-istess ftehim, is-socjeta attrici tkun tista xxolji l-istess ftehim minnufih u unilateralment b'semplici avviz bil-miktub mibghut lill-konvenut;

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici tiddikjara li, minhabba agir irregolari tal-konvenut, b'ittra taghha bid-data tal-14 ta' Jannar 1994, l-imsemmi ftehim ta' agenzija gie xolt. Inoltre meta gie xolt l-imsemmi ftehim, il-konvenut kien fadallu jaghti lis-socjeta' attrici is-somma ta' hdax-il elf, tlitt mija u disghin lira maltija, hdax-il centezmu u tmien millezmi (Lm11390.11,8) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' stocks ta' merkanzija mibjugha u konsenjati lill-konvenut. Bin-nota tas-16 ta' Ottubru 1999 is-socjeta attrici rriduciet dan l-ammont ghas-somma ta' disat elef tlitt mija u hamsa u ghoxrin lira maltija, erba u tmenin centezmu u disa' millezmi (Lm9325.84,9), u dan in vista ta' ammonti li gew akkreditati lill-konvenut fil-mori tal-kawza;

Is-socjeta attrici tkompli tippremetti li bi skrittura ohra tat-18 ta' Frar 1993, il-konvenut kien obbliga ruhhu li jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta'  erbat elef, seba' mija u sitta u hamsin lira maltija, hamsa u ghoxrin centezmu u disa' millezmi (Lm4756.25,9) somma avanzata lill-istess konvenut ghall-akkwist ta' forklifter u vetturi ohra li huma indikati fl-istess skrittura u tali ammont kellu jigi restitwit lis-socjeta' attrici, b'rati mensili ta' tmenin lira maltija (Lm80) il-wahda, bil-kondizzjoni pero' li jekk jigi xolt il-ftehim tal-agenzija, kull bilanc li jkun ghadu dovut jigi dovut minnufih. Meta gie xolt l-imsemmi ftehim tal-agenzija kien ghadu dovut bilanc ta' erbat elef, mija u seba' u sittin lira maltija, hamsa u ghoxrin centezmu u

disa' millezmi (Lm4167.25,9) u ghalhekk, skond is-socjeta attrici, dan l-ahhar ammont sar dovut minnufih;

Gie premess ukoll mis-socjeta attrici li bi skrittura ohra tal-istess data tat-18 ta' Frar, 1993 is-socjeta' attrici bieghet u ikkonsejat lill-konvenut computer equipment, keyboard, colour monitor, portable PC Poqet u Dot Matrix Printer li huma indikati fl-istess skrittura u dana bil-prezz komplessiv ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin lira maltija (Lm1682) bil-patt li dan l-ammont jithallas b'rati mensili ta' tmienja u ghoxrin lira maltija (Lm28). Skond l-istess ftehim jekk il-konvenut ma jibqax agent tas-socjeta attrici, il-bilanc li jkun ghadu dovut fuq dan il-prezz isir dovut minnufih bl-imghax tat-tlieta fil-mija (3%) "above prime rate." Meta giet terminta l-agenzija l-bilanc li kien ghadu dovut kien ta' elf, erba' mija u zewg liri (Lm1402);

Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li, jekk hemm bzonn, jigi dikjarat li l-ftehim tal-agenzija tat-18 ta' Frar, 1993 gie terminat u xolt mis-socjeta' attrici bl-ittra tal-14 ta' Jannar 1994, u dana a tenur tal-kondizzjonijiet u pattijiet kontenuti fl-istess ftehim. Qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma kif ridotta bhala prezz ta' stocks ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjati u li jigi kundannat jhallas lis-socjeta' attrici is-somma gia indikata bilanc ta' ammont lilu misluf ghall-akkwist tal-forklifter u vetturi ohra u finalment qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta' attrici, is-somma gia indikata bhala bilanc tal-prezz ta’ computer equipment u l-oggetti l-ohra simili gia indikati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li mhux minnu li huwa naqas milli jaqdi l-obbligi tieghu skond il-kuntratt ta' agenzija in kwestjoni. Lanqas ma gie spejgat fic-citazzjoni kif u b’liema mod il-konvenut naqas li joqod ghal xi obbligu naxxenti mill-kuntratt ta’ agenzija, u dan b'tali mod li s-socjeta' attrici kienet intitolata xxolji l-kuntratt skond il-ligi;

Mill-provi jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenut kien agent distributur tas-socjeta attrici ghar-rigward taz-zona taz-Zejtun. Is-socjeta attrici kienet itterminat din l-agenzija peress li l-konvenut kien naqas li jaqdi xi obbligu naxxenti

mill-ftehim relattiv u ma esegwix id-direttivi lilu moghtija mis-socjeta attrici. Skond l-imsemmi ftehim tal-agenzija f'dawn il-kazijiet is-socjeta attrici setghet ixxolji l-istess ftehim tal-agenzija u dan unilateralment b'semplici avviz bil-miktub mibghut lill-konvenut. Dan hu dak li effettivament gara u b'ittra b'ittra taghha tal-14 ta' Jannar 1994, il-konvenut kien gie infurmat li l-ftehim dwar l-agenzija kien qed jigi xolt mis-socjeta attrici minn dak in-nhar stess;

Jirrizulta ukoll li l-konvenut kien gia jopera bhala agent distributur tas-socjeta attrici qabel ma gie ffirmat il-ftehim ta' agenzija in kwestjoni tat-18 ta' Frar 1983. Gara li l-konvenut ma kienx qed ihallas regolarment il-pagamenti li kellu jghamel lis-socjeta attrici u ghalhekk l-istess socjeta attrici kienet waqfet l-agenzija favur il-konvenut. Kien irrizulta, fil-fatt, li l-konvenut kien qed juza fondi tas-socjeta attrici ghal skopijiet tieghu personali. Wara ftit taz-zmien pero' s-socjeta attrici ddecidiet li, nonostante dan kollu, tghati opportunita' ohra lill-konvenut u ghalhekk sar il-ftehim ta' agenzija in kwestjoni;

Skond il-kuntratt ta' l-agenzija in kwestjoni s-socjeta attrici kienet tbiegh lill-konvenut il-varji prodotti taghha u dan sabiex huwa jkun jista' jerga' jbieghhom lill terzi. Sabiex ikun agevolat il-konvenut, il-pagamenti lis-socjeta attrici kienu jsiru b'gimgha b'lura;

Inoltre jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta attrici kienet avanzat xi fondi lill konvenut biex dan ikun jista jixtri xi vetturi u computers, li kienu konnessi max-xoghol tieghu;

Irrizulta sufficentement pruvat li l-konvenut kien qed jikkrea figuri, dati u statistici mhux veritjeri u dan ghar-rigward tal-istocks li huwa kellu fl-imhazen tieghu u konsegwentement dawn il-figuri ma kienux jaqblu kull meta kien isir fisikament "stock taking." Il-valur ta' l-istocks fl-imhazen tal-konvenut kienu qed jigu minfuhin u b'hekk fir-realta' l-konvenut ma kellux dawk l-istocks kollha li kien qed jidher li kellu fl-imhzen tieghu. Fil-fatt il-konvenut kien ikun gia biegh il-prodotti tas-socjeta attrici pero' fil-kotba

dawn ikunu jidhru li ma gewx mibjugha. B’hekk il-konvenut kien jiggwadanja zmien biex ihallas lis-socjeta attrici u b’hekk ukoll il-konvenut kien qed jevita li jhallas lis-socjeta attrici meta effettivament kien dovut il-pagament. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien qed jinganna ghal dak li huwa l-ammont dovut realment minnu ta’ kull gimgha;

Inoltre s-socjeta attrici kienet tadotta sistema ghar-rigward tal-pagamenti dovuti lilha minn naha tal-agenti. L-istock li jkun ghand l-agent mhux mibjugh u liema stock kien jissupera bhala kwantita’ l-istocks ta’ gimgha u nofs, ma kienx jithallas mill-agent wara l-imsemmi zmien stipulate. B’hekk kien jinghata aktar nifs lill-agent. Irrizulta pero’ li l-konvenut kien ibiegh il-prodotti tas-socjeta attrici pero skond ir-rendikonti dawn kienu jidhru li ma nbieghux. B’hekk il-konvenut kien qed jiggwadanja dejjem aktar zmien biex ihallas lis-socjeta attrici;

Irrizulta ukoll li l-konvenut kien iddeposita f’kont bankarju fuq ismu, diversi cekkijiet li kienu nhargu minn klijent partikolari u li kienu nhargu favur is-socjeta attrici. Ghalhekk suppost li dawn ic-cekkijiet kellhom imorru direttament ghand is-socjeta attrici pero’ minflok gew depositati mill-konvenut fil-kont bankarju tieghu. Jirrizulta ghalhekk li kien hemm irregolarita meta dawn ic-cekkijiet issarfu mill-konvenut meta dawn ma kienux f’ismu izda f’isem is-socjeta attrici. L-ammont komplessiv ta’ dawn ic-cekkijiet kien telgha ghall-ammont mhux hazin u kien ghalhekk ukoll li s-socjeta attrici ma setghetx tkompli tafda lill-konvenut. Kwindi l-istess soceta attrici iddecidiet li tittermina l-ftehim tal-agenzija ai termini tal-istess ftehim;

F’dawn ic-cirkostanzi s-socjeta attrici kienet gustifikata u korretta meta tterminat l-agenzija u dana minhabba l-imemmi agir tal-konvenut. In vista ta’ dan l-agir tal-konvenut is-socjeta attrici tilfet il-fiducja fil-konvenut. Tali fiducja hi essenzjali f’relazzjoni kummercjali u ta’ agenzija;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li hu gie mwaqqaf milli jkompli jagixxi ta’ agent tas-socjeta attrici, biex l-Head of Accounts u minn kien jigbor il-flus minghand id-debituri tas-socjeta attrici, jghattu l-izbalji u t-tgerfix taghhom. Dan

zgur li ma jirrizultax pruvat. Inoltre l-konvenut ammetta li huwa ddeposita diversi cekkijiet, li kienu mahrugin minn klijent partikolari a favur tas-socjeta attrici, fil-kont bankarju tieghu. Huwa qal li ghamel hekk peress li s-socjeta kienet qed iddum biex tohrog il-kont ghar-rigward tal-istess klijent partikolari. Lanqas dan ma jirrizulta pruvat anzi jirrizulta li l-kont kien jintbghat regolarment lill-istess klijent prtikolari;

Il-konvenut isostni li b'dak kollu li kien qed jigri dwar dan il-klijent partikolari, huwa kien jinforma lill wiehed mill-impjegati tas-socjeta attrici. Inoltre, skond il-konvenut, dan l-istess impjegat fil-presenza tieghu kien ikkonferma dak kollu li kien qed isostnu l-konvenut lid-diretturi tas-socjeta attrici. Dejjem skond il-konvenut l-istess impjegat kien ukoll ikkonferma lid-diretturi tas-socjeta attrici li kollox kien sewwa anke ghar-rigward tal-istocks;

Dan l-impjegat cahad dak kollu li qal il-konvenut u inoltre kkonferma li lill-klijent in partikolari kienet tintbghat il-fattura ta' kull xahar. Dan l-impjegat ikkonferma li kien instab li kien hemm diskrepanzi fl-istock taking li kienu jammontaw ghas-somma ta' cirka Lm6000 fuq periodu ta' erba' xhur;

Minn dawn il-provi u mill-provi l-ohra kollha prodotti jirrizulta li l-ftehim tal-agenzija mal-konvenut gie terminat mis-socjeta attrici ghal tliet ragunijiet. L-ewwel wahda ghaliex huwa sarraf ic-cheques tal-imsemmi klijent partikolari meta ma kellux dritt isarrafhom; it-tieni il-konvenut kien tard fil-hlasijiet u t-tielet kienu nstabu diskrepanzi kbar ghal dak li jirrigwarda l-istock. Ghalhekk, kif gia ntqal, is-socjeta attrici kellha kull dritt li tittermina l-agenzija in kwestjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jigu akkolti. It-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-agency agreement tat-18 ta' Frar, 1993, gie terminat u xolt mis-socjeta' attrici, bl-ittra tal-14 ta' Jannar 1994, u dana a tenur tal-klawsola 21 tal-istess ftehim; tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma kif ridotta ta’ disat elef tlitt mija u hamsa u ghoxrin lira maltija, erba u tmenin centezmu u disa’ millezmi (Lm9325.84,9) ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf seba mija u tlieta u ghoxrin punt tlieta disgha euro (€21723.39) prezz ta' stocks ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjati, flimkien mal-imghaxxijiet kollha legali mill-14 ta' Jannar 1994 sad-data tal-effettiv pagament; tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbat elef, mija u sebgha u sittin lira maltija, hamsa u ghoxrin centezmu u disa' millezmi (Lm4167.25,9) ekwivalenti ghas-somma ta’ disghat elef seba’ mija u sebgha punt wiehed euro (€9707.1) bilanc ta' ammont lilu misluf ghall-akkwist tal-fork lifter u vetturi ohra u dana bl-imghax kummercjali mill-14 ta' Jannar, 1994 sad-data tal-effettiv pagament u fl-ahhar nett tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' elf, erba' mija u zewg liri maltin (lm1402) ekwivalenti ghas-somma ta tlett elef mitejn u hamsa u sittin punt sebgha tmienja euro (€3265.78) bilanc tal-prezz ta’ bejgh lill-konvenut ta’ computer equipment u oggetti konnessi u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-14 ta' Jannar 1994 sad-data tal-effettiv pgament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------